**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 13 ta' Marzu, 2019

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**-vs-**

**Faris Mahmud Harith, detentur tal-karta ta' l-identita` nru. 174732A**

***Kumpilazzjoni Nru. 132/2019***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Faris Mahmud Harith, u cioe` talli:

Nhar l-4 ta' Marzu, 2019, ghall-habta tad-disgha ta' filghaxija (21:00 hrs) fuq il-Fosos fil-Floriana u/jew f'inhawi ohra f'dawn il-gzejjer:

1. Ikkaguna feriti ta' natura gravi, fuq il-persuna ta' Jonathan Saliba hekk kif iccertifikat minn Dr. Maria Christina Axiaq M.D. mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana;

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi; volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna ta' Jonathan Saliba bil-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai terminu tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *et sequitur*.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba illi f`kaz ta` htija, tikkundanna lil akkuzat ihallas l-ispejjes kollha li ghandhom x`jaqsmu ma l-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri, f`dak iz-zmien u f`dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni skond l-artikolu 533 tal-kap 9 tal-ligijiet ta` Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma nhar il-5 ta' Marzu, 2019, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet lill-prosekuzzjoni tiddikjara li l-griehi mgarrba mill-parte leza jammontaw ghall-reat ravvizat bl-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar piena l-Qorti kkunsidrat li dan kien incident izolat *out of character*, fejn it-tfajla tieghu kienet ghada kemm giet aggredita w ghemilu kien xprunat mill-fatt li haseb li kien ser jigi aggredit hu ukoll hekk kif gie mdawwar minn ghadd ta' persuni li kienu sahansitra hebbew ghat-tfajla tieghu. Giet kkunsidrata l-fedina penali netta tieghu, in-natura tar-reati addebitati w ic-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(b), 214, 215, 216(1)(a)(b), u 338 (dd) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha l-ohra migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal piena ta' tlettax il-xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal- Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal sena mill-lum.

A tenur tal-artikolu 382A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tohrog Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-imputat ghaf-favur ta' Jonathan Saliba ghal zmien sena millum.

Tastjeni wkoll milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**